# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 35**

**Rikors numru 1194/15/1 TA**

**Mario Galea**

**v.**

**1) Malta Freeport Terminals Limited (C27581)**

**2) John Aquilina**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Mario Galea ppreżentat minnu fis-16 ta' Diċembru, 2015, li permezz tiegħu jingħad:

> "1. Illi r-rikorrent hu impjegat bhala *tally-clerk* mas-socjeta` intimata, u fil-21 ta' Dicembru 2014, kien qed jaghmel ix-xoghol tieghu bhas-soltu fil-Malta Freeport Terminal, Kalafrana.
>
> 2. Illi ghall-habta ta' 4.20 pm tal-istess jum, sehh incident fejn ir-rikorrent safa korrut meta trakk li kien qed jigi misjuq mill-intimat John

Aquilina, habat bil-karru li kien qed jigi misjuq mill-intimat John Aquilina, habat bil-karru li kien qed jigbed mal-kabina li minn go fiha kien qed jahdem ir-rikorrent, kif inkarigat mis-socjeta` intimata.

3. Illi bl-impatt, ir-rikorrent safa korrut serjament fuq il-persuna tieghu u sofra dizabilita` permanenti, kif jirrizulta mic-certifikat mediku hawn anness u markat bhala Dokument A. Ir-rikorrent ghamel ukoll zmien twil li ma setax jattendi fuq il-post tax-xoghol minhabba l-griehi li garrab.

4. Illi l-intimati huma t-tnejn responsabbli ghal dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, stante li s-socjeta` intimata ma pprovdietx *a safe working environment* u m'osservatx l-obbligi li ghandha skond il-ligi bhala enti li thaddem. Illi dan l-incident sehh ukoll minhabba imperizja u traskuragni u negligenza fis-sewqan da parti tal-intimat John Aquilina, kif ukoll nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti applikabbli.

5. Illi l-intimati gew interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-incident izda baqghu inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. It-tnejn li huma ma wiegbux ghall-ittra ufficjali li giet ipprezentata fis-27 ta' Settembru 2015 (Dokument B), minkejja li debitament notifikati.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara illi l-intimati huma flimkien u solidalment, jew min minnhom, responsabbli ghall-incident fuq deskritt li fih safa korrut ir-rikorrent u li sehh fil-21 ta' Dicembru 2013 ghall-habta ta' 4.20 pm fil-Freeport Terminal, Kalafrana;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minhabba dan l-incident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u solidalment, jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 2015 kontra l-intimati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited ippreżentata minnha fit-13 ta' Jannar, 2016, li permezz tagħha ġie eċċepit is-segwenti:

"1. Illi in linea preliminari, is-socjeta` intimata mhiex il-legittimu kuntradittur u ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma rizultat dirett ta' kollizzjoni li l-intimat l-iehor John Aquilina kellu meta kien qed isuq u habat gol-kabina li fiha kien hemm ir-rikorrenti u ghalhekk is-socjeta` intimata ma tistax tinzamm responsabbli minhabba negligenza, imprudenza, traskuragni, nuqqas ta' proper look out u nuqqas ta' diligenza fis-sewqan tal-intimat l-iehor John Aquilina.

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` intimata Malta Freeport Terminals Limited mhiex responsabbli ghall-incident de quo.

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti huma kompetament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni."

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut John Aquilina ppreżentata minnu fl-4 ta' Frar, 2016, li permezz tagħha wieġeb hekk:

"Illi huwa qieghed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba imressqa mill-attur." *

* Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-28 ta' Ottubru, 2021:

"1. Illi l-Intimat John Aquilina m'huwiex il-legittimu kuntradittur f'dina l-kawza u ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi r-rikorrenti huwa impjegat mas-socjeta' Malta Freeport Terminals Limited u huwa allegatament wegga' waqt il-qadi ta' dmirijietu qua impjegat ta' dina l-istess socjeta' u fil-proprjeta' taghha u ghaldaqstant hi biss tista' tirrispondi ghat-talbiet odjerni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma hemm l-ebda rabta guridika bejn ir-rikorrenti u l-intimat John Aquilina f'dina l-kawza u ghaldaqstant l-intimat Aquilina ghandu jigi illiberat minnufih mill-osservanza tal-gudizzju hekk kif se jigi ppruvat f'dina l-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-pretensjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' John Aquilina huma nfondati fil-fatt u fid-dritt

peress illi bla ebda mod ma huwa risponsabbli ghall-incident mertu tal-kawza odjerna u dan hekk kif se jirrizulta mill-provi li se jitressqu f'dina l-kawza;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-impatt ma sehhx minhabba xi nuqqas da parti tal-Intimat John Aquilina hekk kif fuq espost u fit-tieni lok l-impatt kien wiehed *de minimis* fejn ir-rikorrenti qatt ma seta' garrab l-griehi li qed jallega li garrab tant illi r-rikorrenti a tempo vergine kien stqarr ma John Aquilina li ma kien gralu xejn;

5. Illi se mai l-incident huwa imputabbli lil terzi inkluz izda mhux limitat ghall-agir tar-rikorrenti stess u/jew s-socjeta' intimata l-ohra li naqset milli tassigura *a safe working environment* skont il-ligi u dan hekk kif se jirrizulta mill-provi li se jitressqu f'din l-kawza;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegat debilita' permanenti fuq il-persuna tar-rikorrenti ukoll ma sehhitx minhabba xi agir tal-intimat John Aquilina;

7. Illi l-intimat bl-ebda mod m'ghandu jhallas danni lir-rikorrenti liema danni fi kwalunkwe kaz ghandhom jigu ppruvati skont il-ligi;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost peress li l-Intimat huwa "*port worker*" japplika fil-konfront tieghu il-Ligi Sussidjarja 171.02 (Regolamenti dwar il-Haddiema tal-Port) senjatament ir-regola 21A (7) fejn l-istess regola tghid illi "l-operaturi ta' terminal u principali ohra ta' haddiema tal-port ghandhom jipprovdu kopertura adatta u assigurazzjoni biex tezimi lill-haddiema tal-port minn kull responsabbilta' ghal danni fil-proprjeta' u lil terzi sa kemm dawn id-danni ma jkunux jirrizultaw minn traskuragni kbira min-naha tal-haddiema tal-port'' u ghalhekk fid-dawl ta' dan is-socjeta' intimata ghandha ggib prova ta' din il-kopertura u f'kaz li jirrizulta li l-intimat huwa risponsabbli ghal xi danni, eccetto fil-kaz li kien hemm traskuragni kbira da parti taghha (li certament ma kienx hemm), dawn ghandhom jithallsu mill-assigurazzjoni skont il-ligi.

9. Salv risposti ulterjuri skont il-ligi."

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ottubru, 2021, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

"Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Konvenut John Aquilina u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lis-Soċjetá Konvenuta Malta Freeport Terminals Limited (C27581) responsabbli għall-inċident fuq

deskritt li fih safa korrut ir-rikorrent u li seħħ fil-21 ta' Diċembru 2013 għall-ħabta ta' 4.20pm fil-Freeport Terminal, Kalafrana;

Tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minħabba dan l-inċident u l-korriment konsegwenzjali fl-ammont ta' sitta u tletin elf u tmien Ewro erbgħa u disgħin ċenteżmu (€36,008.94);

Tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lis-soċjetá intimata sabiex tħallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.

L-ispejjeż tal-kawża, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Settembru 2015, jitħallsu mis-Soċjetá Konvenuta Malta Freeport Terminals Limited."

5. Tajjeb jingħad li sa fejn ma sar ebda appell mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn iddeċidiet li r-responsabbilta` għall-inċident għandha twieġeb għalih is-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited, dik il-parti tas-sentenza llum saret ġudikat. Għalhekk la darba l-appell tal-attur jiċċentra ruħu fuq il-likwidazzjoni tad-danni, ser tiġi riprodotta biss dik il-parti tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li titratta l-likwidazzjoni tad-danni:

"<u>Likwidazzjoni danni</u>

41. Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

42. Speċifikatament, *damnum emergens* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Fil-waqt li Lucrum cessans jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib*." Kif inghad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti , fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inciz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-*

*Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja*." (Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005).

<u>Telf ta' Qliegħ Futur (lucrum cessans)</u>

43. Jirriżulta li l-Attur ma hu ħa jitlef xejn mill-introjtu tiegħu konsegwenza tal-inċident. Dan peress li baqa' jista' jagħmel ix-xogħol tiegħu ta' *tally clerk*:

> "Dr. Adrian Camilleri: *Però x-xogħol għadek tmur?*
>
> Xhud: *Għadni nagħmlu għax ix-xogħol tiegħi bil-pinna u kompjuter hux jiġifieri nista' nagħmlu."* (fol 232)

44. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak insenjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Ċivili (per Imħallef Anthony Ellul) fil-kawża Gużeppi Grech et vs Emanuel Sultana et datata 24 ta' Ġunju 2008:

> *"Il-ġurisprudenza lokali mxiet fid-direzzjoni li tillikwida lucrum cessans anke fejn mill-provi ikun irriżulta li strettament id-danneġġjat ma jkunx sofra telf ta' paga jew qligħ attwali jew għal quddiem. Fil-kawża Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et deċiża fis-16 ta' Marzu 2004, ġie osservat: 'Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li kumpens għal diżabilita' permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha – ara f'dan ir-rigward George Gatt vs Francis E. Carbone nomine deċiża minn din il-qorti diversament komposta fis-7 ta' Lulju 1998 u diversi sentenzi oħra in materja.' Sewwa qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Noel Arrigo) fil-kawża Susanne Davis et vs Anthony Galea deċiża fl-10 ta' Ottubru 1997 li "Il-maggior parti tas-sentenzi tagħna invece jistrieħu biss fuq il-fatt ta' disabilita' mingħajr ma jsir eżami profond jekk dik id-diżabilita' hijiex verament sejra tikkaġuna telf futur." Din hi r-realta', minkejja l-fatt li minn qari tal-provvediment jidher li din qegħda tirregola l-effett li ħsara għandha fuq qligħ attwali u tal-futur tad-danneggjat. F'dan il-kuntest l-istess Qorti fil-kawża Joseph Caruana vs Joseph Gafa deċiża fid-29 ta' Mejju 1998 reġgħet ikkonfermat li: "Fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li teżigi li kull tip ta' disabilita' permanenti twassal għat-telf futur fil-proporzjon tal-persentagg tagħha." (Fil-kawża li diġa' saret riferenza għaliha fl-ismijiet Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et, jingħad: "Din il-Qorti lanqas ma tikkondividi s-sottomissjoni tal-appellanti li l-gradd baxx ta' diżabilita' għandu jxejjen il-possibilita' li jiġi akkordat kumpens u dan għaliex il-grad ta' diżabilita' li jiġi stabbilit permezz ta' esperti in materja qiegħed hemm mhux biex il-qorti tiddetermina jekk hux jew le*

*dovut kumpens, iżda pjuttost kemm dak il-kumpens ser ikun."). Proposta li biha jigi rikonoxxut li d-danneġġjat jiġi kkumpensat irrispettivament dwar jekk fir-realta' l-ħsara kellix effett fuq il-qligħ attwali u tal-futur tad-danneġġjat, u kollox ikun jiddependi mill-grad ta' inkapaċita' li jkun sofra. Tajjeb li ssir riferenza għal numri ta' sentenzi li l-qorti tqies li huma rilevanti:-*

*(a) Joseph Smith vs Peter Grech deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imħallef Albert Magri) fl-4 ta' Ottubru 1995, id-danneġġjat kellu 67 sena u minkejja l-ġrieħi li sofra xorta "…kien u baqa ser jirċievi l-pensjoni bl-increments kollha tagħha." Madankollu l-Qorti llikwidat id-danni bil-metodu stabbilit fis-sentenza Butler vs Heard in kwantu skond il-Qorti, dik is-sentenza kienet tikkontempla "danni futuri anke f'każ li dawn, bħal fil-każ in eżami, mhux ser jiġu sofferti."*

*(b) Francis Farrugia vs David Darmanin deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Raymond Pace) fil-21 ta' Marzu 2002. Id-danneġġjat ma kienx jaħdem għaliex kien ġie boarded out u kien qiegħed jirċievi pensjoni ta' diżabilita. Il-qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni bħala lucrum cessans. Il-Qorti spjegat: "Illi madanakollu huwa għandu jiġi kkumpensat tad-danni li sofra dejjem tenut kont tas-sitwazzjoni rejali tieghu, fejn jidher li l-istess konvenut kien qata' mix-xoghol u anke qabel l-incident ma kienx f'posizzjoni li jaħdem." Dan minkejja li ġie ċertifikat li r-rata ta' debilita' kienet biss ta' 1% u ma kienitx effettwat il-qliegħ futur tiegħu. Il-qorti għaddiet biex tillikwida d-danni fuq bażi ta' arbitrio boni viri.*

*(c) Saviour Sammut et vs Robert Demanuele deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002. F'dan il-każ id-danneġġjata kienet mara tad-dar u kellha 65 sena. Il-Qorti xorta għaddiet biex tillikwida lucrum cessans.*

*(d) Sylvia Rosso vs Etienne Galea deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Joseph R. Micallef) fit-3 ta' April 2003. Fil-jum ta' l-inċident (6 ta' Ġunju 2000) l-attriċi kellha 65 sena. Il-Qorti osservat: "Illi l-attriċi wriet li, għalkemm kienet armla, qabel l-inċident kienet mara attiva li tħobb il-ħruġ u ż-żfin u kienet tivvjaġġa. Dawn l-attivitajiet naqsu sewwa wara l-inċident …. Hija bir-raġun kollu tissottometti li bil-liġi jistħoqqilha tingħata kumpens għall-ġrieħi li ġarrbet, ukoll jekk qabel ma kinitx taħdem bi qligħ, għall-fatt li hija kienet mara tad-dar u kienet iżżomm id-dar hi bil-ħidma tagħha. Minbarra dan, hija wriet li kienet tgawdi minn stat ta' saħħa tajjeb qabel seħħ l-inċident u għalhekk kienet mistennija tgawdi minn żmien ta' ħajja attiva għal għadd ta' snin oħrajn, li kieku ma kienx għalih." Il-Qorti għaddiet biex tillikwida l-kumpens mistħoqq lill-attriċi taht it-titlu ta' lucrum cessans.*

(*e) Emanuel Buhagiar vs Kyle Stone et deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Geoffrey Valenzia) fit-28 ta' Frar 2007. Fil-ġurnata tal-inċident l-attur kellu 73 sena u kien attiv ħafna, jimxi fit-tul u jfendi għal rasu. Wara l-incident kellu bżonn bastun, beda jsofri minn dipressjoni għaliex ma setax ikompli jagħmel l-attivita' li kien jagħmel qabel. Il-Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens mistħoqq lill-attur fuq bazi ta' arbitrio boni viri taħt it-titlu ta' lucrum cessans.*

*(f) Joseph Galea et vs Charles Fenech proprio et nomine et deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Marzu 2004. Id-danneġġjat kellu 74 sena u ġie ċertifikat li qiegħed isofri minn debilita' ta' 5%. L-ewwel qorti xorta għaddiet biex tillikwida d-danni minkejja li rriżulta li bħala dħul kellu l-pensjoni u li l-incident ma kellux effett fuq dan l-introjtu. Madankollu l-qorti ġġustifikat id-deċiżjoni li tagħmel kalkolu tat-telf ta' qligħ futur minħabba "l-ispejjeż żejda li jkollu jagħmel minħabba d-diżabilta' tiegħu dawn ifissru qliegħ inqas għalih…….". Spejjeż li mis-sentenza ma jirriżultax x'setgħu kienu. Għal finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni għalkemm l-attur kellu din l-eta' avvanzata, il-Qorti xorta għamlet użu mill-formola li normalment tintuża f'każijiet simili fejn trid issir likwidazzjoni ta' lucrum cessans u addottat multiplier ta' għaxar (10) snin. Il-Qorti ta' l-Appell irriduċiet il-multiplier għal tmien (8) snin peress li l-attur miet fil-kors tal-proċeduri. Din il-Qorti tibqa' ssostni li xorta tal-fehma li l-intervent tal-leġislatur għandha sservi bħala mezz sabiex dak li qiegħed jingħad fil-ġurisprudenza jkun rifless fil-provvedimenti tal-liġi."*

45. L-awtur taljan Torrenti jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*." (Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652).

46. Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinciz (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' *arbitrio boni viri,* meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara Sentenza Michael Butler vs Christopher Herd tat-22 ta' Diċembru 1967). Għalhekk fid-dawl ta' dan it-tagħlim din il-Qorti ser tgħaddi biex tiffissa d-danni skont il-liġi.

*Perċentwali ta' diżabilitá*

47. L-Attur ippreżenta rapport mediku tal-konsulent li kienet eżaminatu l-isptar. It-tabiba Marilyn Casha ikkonkludiet li l-Attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 20% (ara rapport ex parte a' fol 5). L-ewwel espert imqabbda minn din il-Qorti Dr. Josanne Aquilina iżda ikkonkludiet li l-Attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 8% (ara rapport a' fol 488). L-espert adizzjonali Dr. Carmel Abela mqabbad mill-Qorti ħa pożizzjoni diverża u kkonkluda li l-Attur qed ibati minn diżabilitá permanenti ta' 18% (ara rapport a' fol 532). Jidher li l-espert addizzjonali wasal għal din il-konklużjoni għaliex ikkonsidra li d-disabilitá bħala waħda "*not allowing him to perform a full day's work*".

48. Mix-xhieda tal-Attur a' fol 232 su ċitata, jirriżulta iżda li d-diżabbilitá li qed isofri l-Attur konsegwenza tal-korriment li ġarrab m'affetwatx il-ħidma tiegħu f'dan ix-xogħol ta' *tally-clerk* tant li kompla

jaħdem fih. Jirriżulta wkoll li l-attur ġarrab għaxar (10) inċidenti preċedenti li dejjem seħħew fuq il-post tax-xogħol li jaqa' taħt il-kontroll tas-soċjetá intimata (ara xhieda Joana Attard a' fol 317 u dokumenti a' fol 320 sa 425). Ħadd mill-periti mediċi ma kkalkula l-effett tagħhom fuq id-diżabbilitá reklamata mill-Attur b'riżultat ta' dan l-inċident li allura jiġi l-ħdax (11) -il wieħed (ara kontro-eżami Dr. Marilyn Casha a' fol 163, 164, 436 sa 440 u xhieda Dr. Carmelo Abela a' fol 551) . F'dawn iċ-ċirkostanzi u abbażi tal-prinċipju ta' minimizazzjoni tad-danni u kif ukoll abbażi tal-fatt li l-Attur baqa' f'pożizzjoni li jkompli jaħdem, ir-rata ekwa li l-Qorti tqis li għandha tikkonsidra għall-fissazzjoni ta' danni hija dik ta' 12%.

*Salarju*

49. Ai fini ta' kalkolu lucrum cessans, il-Qorti tqis li s-salarju għandu jinħadem fuq iċ-ċifra ta' €21,855.850. Dan l-ammont jirrappreżenta d-dħul nett perċepit mill-Attur għal-perjodu bejn l-24 a' Diċembru 2012 u l-għada tal-inċident, jiġifieri 21 ta' Diċembru 2013 skont ir-rapport preżentat mis-Sur Vizanich a' fol 98.

50. Il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll iż-żieda potenzjali fid-dħul tal-attur. Dan fid-dawl ta' dak ribadit min dawn il-Qrati (ara Apap vs Degiorgio, Qorti tal-Appell, 16 ta' Jannar 1984; Sultana vs Malta Drydocks Corporation, Qorti Kummerċjali, 28 ta' Mejju 1979; Emanuel Bartolo u Glenn Bartolo vs Karl Vella Petroni, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2012). Għalhekk, abbażi tal-prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva, il-Qorti ser tkun qed tiffissa din iż-żieda potenzjali fl-ammont ta' €2,500.

*Aspettativa tal-ħajja lavorattiva*

51. L-Attur twieled fl-24 ta' Diċembru 1963 u għaldaqstant kellu kważi ħamsin sena meta seħħ il-korriment (ara rapporti esperti mediċi a' fol 485 u 530). Il-Qorti sejra tikkalkula l-multiplier fuq il-hajja lavorattiva rimanenti tal-Attur, cioe' dak ta' ħmistax (15) -il sena , jigifieri z-zmien li jrid jghaddi biex l-Attur jilhaq l-etá tal-pensjoni, l-etá ta' hamsa u sittin sena (artikolu 2 tal-Kap. 318).

*Lump sum payment u lucrum cessans*

52. Skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Imma din il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-inċident seħħ fl-2013 u s-Sentenza ser tingħata kważi tmien snin wara. Il-fattur tad-dewmien għandu jirrifletti fit-tnaqqis ta' din il-lump sum payment.

53. Iżda dawn il-Qrati għallmu ukoll li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event dannuż u s-Sentenza finali [ara Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawża tal-Prim Awla Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta'

dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" (ara Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003). Fil-kawża tal-Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru, 2004 is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16/3/99 u Caruana vs Camilleri App Ċiv Sup 27/2/04, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża Galea vs Piscopo PA 3/10/03, 5% f'Scicluna vs Meilaq PA 16/7/01 u 0% fil-kawżi Turner vs Agius App Civ Sup 28/11/03, Bonnici vs Gauci PA 15/9/99 meta għaddew 15-il sena, f'Zammit vs Zahra PA 20/01/05 meta għaddew 17-il sena, u Schembri vs Caruana Kum 20/4/90 meta għaddew 19-il sena.

54. Fil-waqt li fil-każ in eżami għaddew 8 snin mill-inċident, il-Qorti tirrikonoxxi ukoll li, fiċ-ċirkostanzi, d-dewmien ma kienx jaħti għalih id-danneġjant. Normalment ir-riduzzjoni kienet tkun ta' 12%. Fil-każ in eżami l-Attur intavola l-kawża sentejn wara l-inċident. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li t-tnaqqis tal-lump sum payment għandu jkun ta' 14%.

55. Għaldaqstant abbażi tal-prinċipji fuq imsemmija, u fid-dawl tattagħlim ġurisprudenzjali din il-Qorti qegħdha tiffissa u tillikwida in linea ta' lucrum cessans l-ammont ta' €35,982.86 konsistenti f'salarju ta' €21,855.85 multiplikat b'15 -il darba li jammonta għal €327,837.75. 12% ta' dan l-ammont huwa €39,340. Iżżid magħhom €2,500 rappreżentanti potenzjal ta' dħul li jiġu għal €41,840.53. Meta jitnaqqas 14% lump sum payment li jammonta b'kollox għal €35,982.86.

*Danni attwali*

56. Fin-nota tiegħu (a' fol 572 u 573), l-Attur qed jippretendi li jiġu kalkolati danni attwali fuq id-dħul skont l-FS3s tal-kollega tiegħu Kenneth Muscat għas-snin 2013, 2014 u 2015 (a' fol 95 sa 97) li jaħdem fl-istess grad ta' *tally clerk* bħal l-Attur (ara xhieda John Vizanich, *Personnel Officer*, a' fol 76 u 77). Dan sabiex jagħmel tajjeb għall-*overtime*, l-*bonus u vouchers/performance bonus (production bonus*) li l-Attur tilef waqt li kien qed jutilizza l-*injury leave* u li għalhekk ma humiex riflessi fl-FS3s tiegħu għas-snin relattivi, jiġifieri 2013, 2014 u 2015 (a' fol 88 sa 90).

57. Il-Qorti tqis li dan id-dħul m'għandhux jidħol fil-likwidazzjoni tad-danni attwali għal diverżi raġunijiet. Primarjament, dan il-perjodu ġia ġie kopert fl-ammont ta' ħlas dovut lill-Attur bħala danni *lucrum cessans*. Isegwi li jekk jidhol fil-kalkolu tad-danni attwali l-Attur se jkun qed jitħallas doppju. Inoltre d-dħul tas-Sur Muscat kif rifless fl-FS3 jinkludi l-*overtime, l-bonus u vouchers/performance bonus (production bonus)* tas-sena rispettiva kollha u mhux biss għal dak iż-żmien li l-Attur kien fuq l-injury leave. Barra min hekk ma ġiet preżentata l-ebda

prova fuq l-effiċjenza tal-Attur f'xogħolu. Ma huwiex magħruf jekk l-Attur kienx effettivament kapaċi jtella *performance* u jagħmel *overtime* daqs is-Sur Muscat li kieku ma kienx fuq l-*injury leave*. F'dan ir-rigward il-Qorti qablet ir-rapporti tal-Attur u tas-Sur Muscat preżentati mis-Sur John Ivanovich għaż-żmien li fih l-Attur ma kienx fuq injury leave, jiġifieri mill-21 ta' Diċembru 2015 sal-25 ta' Settmbru 2016 (a' fol 91 u 102). Jirriżulta min dan l-eżerċizzju li l-prestazzjoni tal-Attur kienet fil-fatt inqas minn dik tas-Sur Muscat tant li l-introjtu gross perċepit mill-Attur kien ta' €6,677.64 inqas (€25,247.840-€18,570.200).

58. Jingħad ukoll li l-artikolu 2 tal-Kap. 452 teskludi mit-tifsira ta' "paga" "*kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni*". L-*overtime, l-bonus u vouchers/performance bonus (production bonus*) tas-Sur Muscat pretiżi mill-Attur huma kjarament relatati mal-eżekuzzjoni tax-xogħol u l-produzzjoni u għalhekk m'għandhomx jitqiesu bħala parti mis-salarju u, konsegwentement, mid-danni attwali mġarrba mill-Attur. Dan iktar u iktar meta jitqies li, kif jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurtá Soċjali Joseph Chircop (a' fol 148), magħdud ma l-*injury leave* l-Attur ipperċepixxa wkoll benefiċċju għal korriment għal dak iż-żmien li huwa kien nieqes mix-xogħol. Huwa fil-fatt tħallas l-ammont ta' €6,948.26 għaż-żmien mis-27 ta' Diċembru 2013 (d-data li fiha ssottometta l-applikazzjoni għall-benefiċċju (fol 150)) sakemm daħal lura x-xogħol fl-10 ta' Ottubru 2014 (ara fol 158). L-Attur umbagħad tħallas ammont ieħor ta' €1,402 li jkopri dak il-perjodu ta' meta reġa ħareġ mis-xogħol, ċioè mis-27 ta' Jannar 2015, sakemm daħal lura fl-24 ta' Marzu 2015 (ara fol 159).

59. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma hiex sejra tikkunsidra id-dħul tas-Sur Muscat ai fini ta' kalkolu tad-danni attwali.

60. Fin-nota tiegħu (fol 573) l-attur qiegħed jeżiġi wkoll bħala danni attwali "*l-ispejjeż mediċinali u spejjeż relatati m'esperti mediċi fis-somma ta' tmin mitt ewro (€800) u l-ispiża relatata mar-rapport mediku redatt mill-pain therapist Dr. Marilyn Casha fl-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150).*"

61. Dawn l-ammonti ma jinsorġu minn imkien fl-atti proċesswali. Tabilħaqq m'hemm xejn fl-atti li b'xi mod jipprovaw li l-Attur fil-fatt ħallas dawn iċ-ċifri fi spejjeż mediċinali u rapport mediku. Kull ma preżenta l-Attur kienet biss irċevuta waħda datata 11 ta' Jannar 2017 (a' fol 140) fl-ammont ta' €26.08 għal mediċina bl-isem ta' Tramadol. Jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Marilyn Casha (fol 161) u ċ-ċertifikat maħruġ minna fil-15 ta' Frar 2017 (a' fol 168B) li din il-mediċina hija *pain killer* li ġiet indefinittivament preskritta lill-Attur fis-sena 2014 għax "*ħass il-bżonn li jibqa' fuqhom*".

62. Il-Qorti tifhem li l-Attur ħass il-bżonn li jixtri din il-mediċina fil-15 ta' Frar 2017 biss. Dan billi ma preżenta xejn iktar irċevuti ħlif dik ta'

> din id-data. Din il-Qorti għalhekk tillikwida d-danni li sofra l-Attur f'telf attwali fl-ammont ta' €26.08.
>
> 63. Dan ifisser li l-ammont totali li qed ikun likwidat bħala danni sofferti mill-Attur huwa dak ta' €36,008.94 (€35,982.86 + €26.08)."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Mario Galea, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ottubru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi u dan billi tikkonferma s-sentenza in kwantu l-kwistjoni tar-responsabbilita` tas-soċjeta` konvenuta għall-akkadut mertu tal-kawża, tikkonfermaha wkoll sa fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta` konvenuta u laqgħet it-talbiet attriċi, iżda tħassarha f'dik il-parti tal-likwidazzjoni tad-danni u minflok tgħaddi sabiex tirriforma l-*quantum* fis-sens li tikkwantifika u tillikwida d-danni mġarrba f'somma akbar u dan skont l-aggravji minnu mressqa. Bl-ispejjeż kemm tal-Qorti tal-ewwel grad, kif ukoll dawk quddiem din il-Qorti jibqgħu a karigu tas-soċjeta` appellata.

7. Rat li minkejja li s-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited ġiet notifikata bir-rikors tal-appell, hija baqgħet ma ressqet l-ebda risposta.

8. Rat ir-risposta tal-konvenut John Aquilina li permezz tagħha wieġeb li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma fejn laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li in kwantu l-aggravji tal-attur appellant jitrattaw il-

komputazzjoni tal-*lucrum cessans* u d-*damnum emergens,* huwa jħalli f'idejn il-ġudizzju tal-Qorti.

9. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi dan il-każ jitratta inċident li seħħ fil-21 ta' Diċembru, 2014, fuq il-post tax-xogħol ġestit mis-soċjeta` konvenuta appellata, fejn l-attur spiċċa korra wara li trakk li kien misjuq mill-konvenut l-ieħor (Aquilina) baqa' dieħel fil-kabina fejn kien l-attur. Konsegwenza tal-impatt, l-attur appellant ġarrab ġrieħi li jingħad li wasslu għal diżabilita` permanenti u għalhekk ġew imressqa l-proċeduri odjerni sabiex tiġi stabbilita r-responsabbilita` għall-inċident, kif ukoll sabiex jiġu likwidati id-danni mġarrba mill-attur u konsegwentement ikun hemm ukoll kundanna għall-ħlas tad-danni mġarrba minnu.

12. L-ewwel Qorti filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Aquilina u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited u llikwidat id-danni mġarrba mill-attur fis-somma ta' €36,008.94 u kkundannat lis-soċjeta` konvenuta tħallas l-imsemmija danni, kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

13. L-attur ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti limitatament fir-rigward tal-metodu tal-likwidazzjoni tad-danni u għalhekk interpona appell minnha f'dan is-sens. L-appell tal-attur jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali, (a) dawk dwar il-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* fejn jikkontendi li l-ewwel Qorti żbaljat fir-rigward (i) il-perċentwal ta' diżabilita` akkordat minnha; (ii) is-salarju adottat mill-ewwel Qorti għall-fini li jiġu likwidati d-danni; (iii) u dwar it-tnaqqis li sar taħt il-kap ta' *lump sum payment;* kif ukoll (b) dwar il-komputazzjoni żbaljata li saret fil-każ tad-*damnum emergens.*

**(A) *Lucrum cessans*: (i) Perċentwal ta' debilita` permanenti.**

14. L-attur appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti żbaljat meta waslet għal perċentwal ta' diżabilita` li jiddipartixxi mir-rapport tal-perit tekniku perizjuri Dr. Carmel Abela. Huwa jispjega li l-ispeċjalista nkarigata minnu,

Dr. Marilyn Casha waslet għall-konklużjoni li huwa kien qiegħed isofri minn diżabilita` permanenti ta' 20%, filwaqt li l-ewwel perit mediku nkarigata mill-ewwel Qorti, Dr. Josanne Aquilina, waslet għall-konklużjoni fil-fehma tiegħu nġusta li kien isofri minn diżabilita` permanenti ta' 8%. Kunsidrat li huwa qies din ir-rata bħala waħda li kienet kunfliġġenti ma' dik tal-espert inkarigat minnu, huwa talab lill-Qorti sabiex jinħatru periti addizzjonali, sabiex jimpunja l-imsemmi rapport tal-espert mediku maħtur mill-ewwel Qorti. Bi qbil bejn il-partijiet, kunsidrat li l-materja kienet teknika ħafna li l-esperti fuqha huma limitati, nħatar l-espert Dr. Carmel Abela (minflok tliet esperti kif solitament isir), sabiex jespleta l-inkarigu. Dan l-espert ikkonkluda li l-attur qiegħed isofri minn diżabilita` permanenti ta' 18%. L-attur appellant isostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tiddubita din il-konklużjoni li hija waħda pjuttost teknika, kunsidrat ukoll li kienet ben motivata minn riċerka medika dettaljata. Għalkemm l-appellant jikkonċedi li skont il-ġurisprudenza l-ġudikant mhuwiex marbut li jaċċetta l-konklużjoni tar-rapport peritali kontra l-konvinzjoni tiegħu, madankollu l-*giudizio dell'arte*, f'materja hekk teknika ma kellux jitwarrab daqshekk faċilment sakemm ma jirriżultax li tali konklużjonijiet huma rraġonevoli. Dan meta l-kummenti tal-ewwel Qorti jmorru kontra l-kostatazzjonijiet tal-istess perit perizjuri. Għalhekk jisħaq li l-ewwel Qorti kellha tadotta r-rata ta' 18% bħala r-rata ta' diżabilita` konsegwenti l-istess inċident.

15. Għandu jingħad mal-ewwel li, fil-fehma ta' din il-Qorti, għandu raġun l-attur appellant jilmenta dwar dan l-ewwel aggravju tiegħu. Jibda billi jiġi osservat li f'materja ta' perizja teknika bħalma hija dik medika, għalkemm Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt, dan ma jfissirx pero`, illi Qorti dan tista' tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti għandha tkun ben informata u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju, 1998, fil-kawża fl-ismijiet **Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe**). Fil-fatt fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru, 2001, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Calleja nomine v. John Mifsud**, din il-Qorti qalet hekk:

> *"Gie infatti ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "John Saliba vs Joseph Farrugia" deciza fit-28 ta' Jannar 2000 illi:-*
>
> > *"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

16. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm l-ewwel Qorti kkunsidrat kemm ir-rapport tal-espert mediku *ex parte,* kif ukoll ir-rapport tal-ewwel perit mediku nkarigat minnha, kif ukoll dak tal-perit addizzjonali, hija tibbaża d-deċiżjoni tagħha billi tagħmel referenza għall-fatt li mix-xhieda tal-istess attur jirriżulta li kien għadu jaħdem fl-istess xogħol bħala *tally-clerk* u għalhekk tgħid li "*d-diżabilta` li qed isofri l-attur konsegwenza tal-inċident u l-korriment li ġarrab m'affetwax il-ħidma tiegħu*", kif ukoll tgħid li jirriżulta li l-attur ġarrab għaxar inċidenti preċedenti li seħħew fuq il-post tax-xogħol u li ħadd mill-periti mediċi ma kkalkula l-effett tagħhom fuq id-diżabilita` reklamata mill-attur b'riżultat ta' dan l-inċident. B'hekk l-ewwel Qorti għaddiet sabiex tiffissa rata ta' 12%.

17. Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti, apparti li hija dijametrikament opposta għall-ġurisprudenza kollha ċitata mill-ewwel Qorti fis-sens li kumpens għal diżabilita` permanenti huwa dovut anke jekk il-persuna danneġġjata ma titlef xejn mill-introjtu tagħha – ma tagħtix stampa sħiħa ta' dak li effettivament għadda minnu l-konvenut. Jibda billi jiġi osservat li għalkemm il-konvenut għadu jaħdem, għar-raġuni li kif spjega x-xogħol tiegħu huwa ta' natura klerikali, iżda spjega wkoll li: "*Inbagħti ħafna mir-roghda kbira minħabba n-nervituri... Qed iżżidli ħafna rogħda, uġigħ kontinwament.".* Dan jorbot sfieq mal-konklużjonijiet (ara fol. 532 tal-proċess) tal-perit addizjonali Dr. Carmel Abela:

> *"...I conclude that Mr. Mario Galea is suffering from chronic Myofascial pain syndrome of the right trapezius and a chronic rotator cuff syndrome of the right shoulder muscles (partial tear of the supraspinatus tendon evidences on MR scan of the shoulder). Since all these symptoms started after the accident I conclude that it is very likely that this was caused by the accident. The pain and chronic stiffness of the rotator cuff muscles have resulted in limitation of movement of his right shoulder above 90 degrees....*
>
> *From my experience of dealing with similar patients it is not inconceivable to understand that* ***this pain is interfering with activitites of daily living, causing anxiety, and not allowing him to perform a full day's work. ...***
>
> *...He is suffering from daily chronic pain that requires large doses of strong analgesics*." (enfasi ta' din il-Qorti)

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti żbaljat l-ewwel Qorti meta kkunsidrat li d-diżabilita` mġarrba mill-attur m'affetwatx il-ħidma tiegħu ladarba huwa daħal lura għax-xogħol li kellu qabel. Dan peress li mill-konklużjonijiet tal-perit addizjonali jirriżulta ċar li għalkemm l-attur daħal lura għax-xogħol li kellu qabel ta' *tally clerk,* d-debilita` mġarrba minnu għandha mpatt fuq il-ħajja lavorattiva tiegħu, fis-sens li mhux ser ikun jiflaħ jagħmel ġurnata xogħol u wisq inqas jagħmel xogħol aktar mis-sigħat normali tiegħu. Relevanti f'dan il-kuntest hija s-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et,** fejn apparti li saret konsiderazzjoni simili, saret referenza wkoll għas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Falzon et v. Emanuel Schembri et** fejn ingħad:

> *"…il-ħsara mġarrba mill-attur trid titqies ukoll mill-aspett ta' nuqqasijiet jew telf ta' opportunitajiet li dik il-ħsara tkun ġabet lill-vittma, kif ingħad aktar qabel. It-tħabrik tal-attur li jgħin lilu nnifsu biex jasal ħalli jkun jista' jaqla' l-għixien tiegħu m'għandux ikun raġuni biex l-imħarrkin jibbenefikaw minn tnaqqis ta' kumpens għall-ħsara li ġarrab, għaliex huwa mistenni li l-parti mġarrba tagħmel l-aħjar li tista' biex tnaqqas l-*

*effetti tad-dannu mġarrab minnha. Dak it-tħabrik juri wkoll li, minkejja dak li għadda minnu l-attur Carl Falzon, kien determinat li jimxi 'l quddiem fil-ħajja fil-qafas tal-limitazzjonijiet fiżiċi u fiżjoloġiċi li l-ġrieħi ġabhulu, u liema sforz jixhed ir-rieda u l-ħila tiegħu li jilħaq dak li jaspira għalih, u li dak li kien jaspira li jilħaq ma kienx biss il-frott ta' xewqa fiergħa maħluqa biex jipprovoka għoti ta' kumpens akbar;"*

Hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li l-attur daħal lura għax-xogħol m'għandux jintuża bħala raġuni ta' tnaqqis mill-kumpens għall-ħsara li ġarrab u għalhekk din il-Qorti ser twarrab il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti f'dan is-sens.

19. Inoltre, għalkemm huwa minnu li ħadd mill-esperti mediċi ma daħal fil-kwistjoni tal-inċidenti preċedenti li ġarrab l-attur fir-rapporti tagħhom, mill-eskussjoni serrata li saret lill-perit mediku addizzjonali, jirriżulta li saru xejn inqas minn sitt mistoqsijiet relatati mal-fatt li l-attur kellu diversi inċidenti oħra (ara mistoqsijiet 6 sa 11 a fol. 545 u 546 tal-proċess). L-espert mediku tal-Qorti wieġeb f'dettal dawn il-mistoqsijiet (ara fol. 553 u 554 tal-proċess) fis-sens li għalkemm fil-*file* mediku tal-Isptar Mater Dei ma rriżultawx dawn l-inċidenti, l-istess attur infurmah li kellu inċidenti oħra li rriżultaw fi problemi fl-irkoppa u fl-ispalla tax-xellug, iżda huwa wieġeb li ma deherlux li dawn l-inċidenti kienu klinikament relevanti għall-fatt li m'affetwawlux la għonqu u lanqas spalltu l-leminija u li ma jidhirx li hemm xi konnessjoni klinika ma' l-uġiegħ kroniku li l-attur beda jsofri minnu wara l-inċident in kwistjoni. Fil-verita` din ix-xhieda taqbel ukoll mal-assjem tax-xhieda mogħtija mill-konsulent ortopediku Raymond Gatt (a fol. 313) inkarigat mill-attur li kien ukoll eżaminah wara d-diversi inċidenti. Minkejja

li l-espert mediku tal-Qorti qies l-inċidenti l-oħra, jispjega li l-attur kien fieq minnhom u għalhekk wieġeb li ma jidhirx li l-attur kien isofri minn uġigħ kroniku ieħor qabel l-inċident. Isegwi li għal darb'oħra l-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti tinsab kontradetta bil-fatt li minkejja li l-espert addizjonali kien rinfaċċat bl-imsemmija episodji preċedenti, huwa baqa' jisħaq fuq il-konklużjoni milħuqa minnu, peress li ma sabx li l-inċidenti preċedenti kellhom rwol determinanti fid-debilita` permanenti li l-attur qiegħed isofri minnha fil-preżent u għalhekk żamm ferm mal-opinjoni tiegħu li l-attur qiegħed isofri minn debilita` permanenti ta' 18 %.

20. Kunsidrat li l-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li twarrab din l-aħħar relazzjoni tal-perit addizzjonali hija żbaljata, din il-Qorti tqis li l-attur appellant għandu raġun f'dan l-aggravju tiegħu. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li minkejja d-diskrepanza sostanzjali bejn il-konklużjoni milħuqa mill-ewwel espert mediku (debilita` ta' 8%) u dik tal-espert mediku addizjonali (debilita` ta' 18%), kunsidrat ir-risposti dettaljati mogħtija mill-istess espert li daħlu fil-fond tal-aspetti kollha tal-każ in eżami, ma tqisx li tista' tinjora din l-aħħar relazzjoni peritali u għalhekk ser tilqa' dan il-punt taħt l-ewwel aggravju tal-attur appellant, sabiex tirrevedi l-grad ta' debilita` mġarrba mill-attur fil-grad ta' 18%.

**(ii) Salarju**

21. Imiss li jiġi trattat it-tieni punt taħt l-ewwel aggravju dak dwar is-salarju li l-ewwel Qorti addottat għall-fini tal-komputazzjoni tal-*lucrum*

*cessans* meta hija naqqset mid-dħul gross tiegħu t-taxxa sabiex b'hekk il-komputazzjoni saret fuq id-dħul nett tiegħu. L-attur appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza in sostenn ta' dan l-aggravju tiegħu. Inoltre l-attur appellant jilmenta li l-ewwel Qorti lanqas tat konsiderazzjoni għall-fatt li issa huwa prekluż milli jaħdem is-sahra li qabel kien kapaċi jaħdem minħabba l-kondizzjoni tiegħu. Jagħmel referenza għall-prova li ressaq tad-dħul ta' kollega tiegħu li jaħdem xogħol identiku li għamel fis-sena ta' wara li huwa ġarrab l-inċident. Kwindi jsostni li ma setax jiġi eskluż li fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja huwa kien ser ikollu ċ-ċans f'ħajtu li jaħdem is-sahra. Inoltre l-appellant jikkontendi li s-salarju kellu jiġi aġġustat skont ir-rata ta' inflazzjoni li bħala medja f'dawn l-aħħar ħames snin kienet ta' 1.18% fis-sena, kif ukoll sabiex jieħu in konsiderazzjoni żidiet fil-paga li l-attur appellant kien jirċievi fl-istess perjodu tal-*multiplier.* L-attur appellant isostni li kien ikun aktar ġust li fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-qliegħ annwu tiegħu jitqies bħala dak ta' €36,535.87 għall-fini tal-komputazzjoni tal-*lucrum cessans.*

22. In kwantu għad-dħul li fuqu jiġu kalkulati d-danni bħala *lucrum cessans*, fis-sentenza ta' din il-Qorti msemmija qabel, fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et**, ingħad fir-rigward li:

> *"...il-Qorti taghmel id-distinzjoni ta' certezza o meno ... rigward il-mod kif jigi komputat id-damnum emergens u l-lucrum cessans. Fir-rigward tal-komputazzjoni tal-lucrum cessans il-linja tal-hsieb ta' din il-Qorti hija illi din il-komputazzjoni ssir a bazi tal-paga gross mehud in konsiderazzjoni l-probabilita` kbira illi d-dannegjat jircievi zidiet fis-salarju tieghu fis-snin futuri kif ukoll l-incertezza li tigi kalkolata t-taxxa fuq qliegh li mhux daqstant facilment accertabbli bi precizjoni.*

*21. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Carmela Muscat pen v. Francis Schembri et. (PA, 27/01/1972) fejn il-Qorti osservat li ghandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni ghat-telf ta' qliegh futur u mhux*

*"…taghmilha ta' speci ta' tax collector bir-rizultat li tiffavorixxi d-debitur tad-danni u taggrava lid-danneggata, in kwantu l-ewwel wiehed jigi jhallas inqas milli ghandu proprjament jigi likwidat u t-tieni wiehed, ghall-bzonn, ikun irid jerga' jaraha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, bil-possibilita li jkun gie qiesu hallas it-taxxa darbtejn, darba lid-debitur u darba ohra, fuq is-somma gia minorata, lill-Gvern. Fi kwalunkwe kaz l-income tax ghandha tithallas lill-Gvern u mhux lid-debituri ta' obbligazzjonijiet civili u l-kalkolu taghha jista' jiddependi fuq diversi cirkostanzi, fir-rapport intern bejn il-Gvern u d-danneggat, li l-Qorti ma tkunx taf xejn fuqhom u ghalhekk il-Qorti lanqas ma ghandha biss tesprimi opinjoni, fuq haga li mhix ta' kompetenza taghha."*

*In oltre kif intqal fil-kawza George Borg et v. Anthony Borg et (App 20/10/2008):*

> *"Barra minhekk, il-fatt li l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda tnaqqis minhabba t-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali ma ghandu jimpingi bl-ebda mod fuq il-kwantifikazzjoni tal-qliegh futur tad-danneggjat u dana billi huwa principju ormaj generalment accettat li huwa l-gross salary li huwa relevanti biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni kemm huwa dovut lid-danneggjat jekk dan jipprova l-kaz tieghu."*

Hekk ukoll, kif ingħad minn din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited** il-kalkolu tad-danni bħala *lucrum cessans* għandu jkun imsejjes fuq id-dħul gross u mhux dak nett.

*"F'każ bħal dan, din il-Qorti temmen li, fil-kejl tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, il-likwidazzjoni għandha ssir fuq il-bażi tad-dħul gross tal-parti mġarrba, meħud b'qies il-fatt probabbli li, 'l quddiem u mal-medda taż-żmien (l-aktar fejn il-vittma tkun ta' età żgħira), ikun hemm żidiet jew titjib fil-paga jew fil-ħila tal-parti mġarrba li ttejjeb id-dħul tagħha. Dan, b'żieda mal-fatt tal-inflazzjoni u l-impatt li tħalli fuq is-saħħa tal-valuta, jagħmel it-tnaqqis fittizju ta' rata ta' taxxa fuq somma li tkun qiegħed titħallas f'daqqa, eżerċizzju ġudizzjarju ażżardat u x'aktarx arbitrarju;." Applikat l-istess prinċipju għall-każ in eżami, din il-Qorti taqbel mal-attur appellant inċidentalment li l-lucrum cessans kellu jiġi kkalkulat fuq id-dħul gross."*

23. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, din il-Qorti taqbel mal-attur li l-*lucrum cessans* kellu jiġi kkalkulat fuq id-dħul gross tiegħu. Kunsidrat li l-inċident tal-attur seħħ fil-21 ta' Diċembru, 2013, din il-Qorti tqis li l-punt tat-tluq kellha tkun il-paga grossa tal-attur għas-sena 2013, jiġifieri s-somma ta' €26,300 (skont FS3 esebita bħala Dok.JVA2 a fol.88 tal-proċess). Effettivament l-ewwel Qorti żbaljat meta mhux biss ħadmet fuq bażi ta' paga netta, iżda wkoll li straħet fuq ir-rapport a fol. 98 tal-proċess li kien jitratta d-dħul magħmul mill-kollega tal-attur Kenneth Muscat. Sa fejn fl-istess aggravju l-attur appellant jilmenta fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx li l-attur kellu potenzjal li jaqla' aktar flus permezz ta' sahra li seta' jagħmel, għandu jingħad li għalkemm is-sahra mhix dritt awtomatiku tal-ħaddiem, għaliex din tingħata skont il-bżonn, kif ukoll il-fatt li l-attur ingħata dħul mis-sahra fil-passat, ma huwa ta' ebda garanzija li dan ser jibqa' jingħata fil-futur u mingħajr ebda interruzzjoni, min-naħa l-oħra, din il-Qorti ma tqisx li jkun ġust li teskludi l-probabilita` li l-attur kien ser jibqa' jagħmel is-sahra kull meta jingħata l-opportunita`. Madankollu, jitqies li ġalarba din il-Qorti qiegħda tuża l-qligħ gross tal-attur għas-sena 2013, li skont ir-rendikont dettaljat għall-imsemmija sena, kien jinkludi wkoll l-element ta' sahra maħduma mill-attur f'dik is-sena, (madwar €2,000 sahra hekk kif jirriżulta mid-dokument a fol. 94 tal-proċess) tqis li din il-parti tal-aggravju ġiet ukoll indirizzata u ma hemmx lok li tiżdied ulterjorment f'dan is-sens.

24. Fl-istess aggravju l-attur appellant jikkontendi wkoll li s-salarju kellu jiġi rivedut sabiex jagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u għal żidiet li seta' jingħata fil-futur. In kwantu żidiet fuq il-paga li trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, il-paga tal-attur mistennija tiżdied għal €30,955 meta tiġi kkalkulata b'rata medja ta' żieda ta' 1.18% fuq medda ta' ħmistax-il sena. Jekk wieħed jieħu l-medja ta' din il-paga ma' dik li kellu l-attur fis-sena 2013, (€30,955 + €26,300 = €57,255 / 2), is-salarju medju tal-attur matul il-perjodu tal-*multiplier* (akkordat mill-ewwel Qorti li fuqu wkoll ma sar l-ebda appell) huwa mistenni li jkun €28,627.50. Meta magħhom tiżdied is-somma ta' €2,500, akkordata mill-ewwel Qorti għaż-żidiet potenzjali li seta' kellu l-attur fil-futur, li din il-Qorti taqbel magħha, dan iwassal li d-danni *lucrum cessans* kellhom jiġu kalkolati fuq il-bażi tas-somma ta' €31,127.50. Isegwi li dan il-punt imqanqal mill-attur appellant ukoll jimmerita li jintlaqa', iżda limitatament hekk kif appena spjegat.

**(iii) Tnaqqis minħabba *Lump Sum Payment***

25. Jifdal it-tielet parti tal-ewwel aggravju tal-attur appellant, dak dwar it-tnaqqis tal-ħlas bħala *lump sum*, fejn hawn ukoll l-attur appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti kienet żbaljata fil-kalkoli tagħha, hekk kif minkejja li għamlet referenza għall-ġurisprudenza fir-rigward u minkejja li kkunsidrat li t-tnaqqis normalment ikun ta' 12% peress li l-attur intavola l-

kawża sentejn wara li seħħ l-inċident, iddeċidiet li t-tnaqqis kellu jkun ta' 14%, meta fil-fehma tal-appellant it-tnaqqis li kellu jiġi adoperat kien dak ta' 4%.

26. Fir-rigward tat-tnaqqis adoperat bħala *lump sum payment*, skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, jekk il-kawża ddum aktar minn sentejn, il-perċentwali ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' *lump sum payment* jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena oħra li l-kawża ddum għaddejja. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **John Muscat v. Camray Limited et**). Iżda din ir-riduzzjoni fil-perċentwali ta' tnaqqis tibda tiddekorri minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi r-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora,* b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti kienet tabilħaqq żbaljata meta adottat tnaqqis ta' 14% taħt dan il-kap. Kunsidrat li s-sentenza finali ser tingħata fi żmien ta' ftit aktar minn sitt snin minn meta nfetħet il-kawża fl-2015, u kunsidrat ukoll li ma jirriżultax li kien hemm xi dewmien esaġerat imputabbli lil parti jew oħra fil-kawża, tqis li t-tnaqqis ġust applikabbli fil-każ in eżami għandu jkun dak ta' 12%. Isegwi li l-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* wara li jittieħed qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, għandha ssir kif ġej:

€31,127.50 (salarju) x 15 (*multiplier)* x 18% (rata ta' diżabilita`)= €84,044.25 Tnaqqis bħala *lump sum* ta' 12%: €84,044.25 - €10,085.31= **€73,958.94.**

**(B) *Damnum Emergens***

27. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju tal-attur appellant, dak li jitratta l-komputazzjoni tad-danni attwali relattivi għat-telf fl-introjtu li huwa ġarrab kawża tal-korriment li sofra wara l-inċident mertu tal-kawża. Filwaqt li jagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jikkontendi li b'rabta mat-telf imġarrab minnu kien hemm is-somma ta' €15,953.36 għas-sena 2014 (id-differenza bejn l-introjtu annwu ta' €30,962.60 li qala' l-kollega tiegħu Kenneth Muscat u dak ta' €15,009.24 li effettivament qala' l-attur) u s-somma ta' €8,942.56 għas-sena 2015 (id-differenza bejn is-somma ta' €30,664.55 li qala' l-kollega tiegħu Kenneth Muscat u €21,721.99 li qala' l-attur wara li kien kostrett jerġa' jieqaf mix-xogħol). L-attur appellant isostni li kieku ma safax korrut kawża tal-inċident li għalih kienet responsabbli s-soċjeta` konvenuta, ma kien hemm xejn li jżommu jew li jostakola lill-appellant milli jaqla' salarju bħal dak tal-kollega tiegħu Kenneth Muscat. Jilmenta li l-ewwel Qorti kienet inġusta miegħu meta rriteniet li ma tressqet l-ebda prova dwar kemm huwa kien effiċjenti fuq xogħolu u dwar jekk kienx kapaċi li jtella'

*performance* u jagħmel *overtime* daqs is-Sur Muscat li kieku ma kienx fuq *injury leave*. L-appellant jisħaq li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta għamlet il-konsiderazzjoni li l-prestazzjoni tal-attur bejn l-2015 u l-2016 kienet inqas minn dik tal-kollega tiegħu Muscat. Dan meta kien l-istess inċident il-kawża l-għala huwa ma setax itella' *performance* u *overtime* daqs il-kollega tiegħu u dan kif wara kollox ikkonfermat mill-istess espert mediku appuntat mill-ewwel Qorti li kkonkluda li minħabba d-diżabilita` permanenti: "*not allowing him to perform a full day's work.".* Jikkontendi li konsiderazzjoni oħra żbaljata tal-ewwel Qorti kien il-fatt li qieset ukoll li matul il-perjodu ta' *injury leave* huwa ppercepixxa benefiċċju għal korriment għal dak il-perjodu li huwa kien nieqes mix-xogħol, meta l-ġurisprudenza tgħallem li tali konsiderazzjoni ma kenitx waħda ġusta u tmur kontra l-ispirtu tal-insenjament tal-Qrati tagħna fir-rigward. Għalhekk l-attur appellant jikkontendi li kien intitolat għas-somma ulterjuri ta' €24,895.92 (€15,953.36+€8,942.56), oltre l-ispejjeż għax-xiri ta' mediċini li ġarrab, bħala *damnum emergens,* minħabba l-korriment mertu tal-kawża odjerna.

28. Jibda billi jingħad li, kif osservat mill-ewwel Qorti, jirriżulta mill-provi in atti li wara l-inċident, l-attur dam barra mix-xogħol bejn il-21 ta' Diċembru, 2013 sal-10 ta' Ottubru, 2014. Għalkemm daħal għax-xogħol f'Ottubru tas-sena 2014, l-attur kellu jerġa' jieqaf jaħdem bejn is-27 ta' Jannar, 2015 sal-24 ta' Marzu, 2015 u dan dejjem in konnessjoni mal-

istess inċident suġġett tal-kawża odjerna (ara xhieda ta' Joseph Chircop a fol. 148 tal-proċess). Huwa minnu li tul dan il-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2015, l-attur qala' paga ridotta (kif jirriżulta mill-FS3s a fol. 89 u 90 tal-proċess) kif ukoll irċieva benefiċċji soċjali. Iżda din il-Qorti taqbel mal-attur appellant sa fejn jingħad minnu, li kien konsegwenza tal-istess inċident li huwa spiċċa bil-paga ridotta li tirrifletti l-fatt li kellu jassenta ruħu mix-xogħol għall-perjodi estensivi wara li ġara l-inċident u dan it-tnaqqis fil-paga tabilħaqq għandu jiġi nkluż bħala parti mit-telf attwali mġarrab mill-attur appellant. Din il-Qorti taqbel mal-attur appellant ukoll sa fejn jingħad minnu li l-benefiċċji soċjali perċepiti minnu m'għandhom jingħataw ebda konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tad-danni. (Ara wkoll f'dan is-sens il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward, fis-sentenza tagħha ta' **Farrugia v. Gatt et** ċitata qabel).

29. Madankollu din il-Qorti ma taqbilx mal-attur appellant meta jsejjes il-kalkoli tat-telf attwali tiegħu fuq l-ammont gross. Dan peress li kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar, 2021, fil-kawża fl-ismijiet **Victor Fenech v. Malta Freeport Terminals Limited,** hawn qabel ċitata, għall-fini ta' likwidazzjoni ta' danni, id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans* ma jistgħux jitqiegħdu fl-istess keffa, peress li l-ewwel tip ta' danni jirrappreżentaw telf effettiv imġarrab mid-danneġġjat li (telf li) jista' jiġi determinat faċilment, filwaqt li t-tieni tip ta' danni, ma jistgħux jiġu kkalkulati b'mod daqshekk faċli jew ċert, fejn ingħad ukoll:

*"…din id-distinzjoni tinstab ukoll fid-duttrina li tagħraf bejn "past pecuniary loss" u "future pecuniary loss". Kemm hu hekk, huwa mgħallem li "Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain. .. .. In relation to past loss the court will usually know all the factors relevant to the assessment of the loss. If it is a loss of earnings the court has only to ascertain and add up the net earnings lost, and if it is loss caused by out-of-pocket expenditure the court has only to ascertain and add up the total expenditure*[1];

*13. Illi għal dik il-parti tal-aggravju tal-appellant li titkellem dwar it-tnaqqis ta' taxxa tad-dħul mis-somma likwidata għal tul iż-żmien li ma daħalx għax-xogħol (jiġifieri dik li titkellem dwar "past pecuniary loss"), din il-Qorti ma tistax taqbel miegħu li s-somma kellha tkun likwidata fuq is-saħħa tal-paga grossa. Għall-kuntrarju tqis li dik il-likwidazzjoni messha ssir fuq id-dħul nett tiegħu*[2]*. Dan huwa xieraq ukoll għaliex jimxi mal-prinċipju li, fil-qasam tad-danni mġarrba, l-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-għan tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn*[3]*. Min-naħa l-oħra, li kieku l-appellant ma ġralux dak li ġralu, huwa kien jitħallas il-paga netta matul iż-żmien imsemmi*[4];"

30. Applikati dawn l-istess prinċipji għall-każ in eżami, għalkemm wieħed jista' jagħmel paragun mal-paga tal-kollega tal-attur Kenneth Muscat, sabiex jasal għat-telf effettiv mill-paga tal-attur, il-paragun irid isir mal-qliegħ nett u mhux mal-paga grossa għall-fini li jiġu komputati d-danni attwali konsegwenti għat-telf ta' paga minħabba l-imsemmi inċident. Kwindi filwaqt li fis-sena 2014 Kenneth Muscat, kollega tal-attur fl-istess

---

[1] Kemp (Ed), *Damages for Personal Injury and Death*, (3rd Edit.) §§ 3.02, 3.03 u 3.06, f'paġġ. 64 – 5
[2] Kemp *op cit* § 3.20, f'paġ. 70
[3] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono v. Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[4] Ara App. Ċiv. **6.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Silvan Farruġia v. Carmelo Gatt et*** § 12

xogħol kellu paga netta ta' €24,034.74 l-attur kellu paga netta ta' €13,498.14 fl-istess sena. Għalhekk it-telf effettiv li ġarrab l-attur fis-sena 2014 kien dak ta' €10,535.60. Filwaqt li b'referenza għat-telf li ġarrab l-attur fis-sena 2015 għandu jiġi kkalkulat wara li wieħed iqis li l-paga netta ta' Kenneth Muscat f'dik is-sena kienet ta' €24,198, l-attur kellu paga netta ta' €18,345.43. Isegwi li t-telf effettiv li ġarrab l-attur fis-sena 2015 kien dak ta' €5,852.57. Għalhekk it-telf effettiv li ġarrab l-attur appellant fil-paga tiegħu tul il-perjodu li dam nieqes mix-xogħol konsegwenza tal-istess inċident huwa dak ta' €16,388.17 (€10,535.60 + €5,852.57), li flimkien mal-irċevuta esebita ta' €26.08 għall-mediċina Tramadol, jagħmlu t-total ta' telf attwali li ġarrab l-attur appellant konsegwenza tal-imsemmi inċident fil-forma ta' ***damnum emergens*** **fl-ammont ta' €16,414.25.** Dan ifisser li d-danni dovuti lill-attur huma s-somma ta' **€73,958.94** (***lucrum cessans***) li flimkien mas-somma ta' **€16,414.25** (***damnum emergens***)**,** jagħmlu total ta' **€90,373.19.**

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi il-kawża billi:

(i) Tilqa' in parti l-appell tal-attur Mario Galea, kif hawn qabel imfisser;

(ii) Tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Ottubru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sens li tillikwida bħala danni u tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' disgħin elf, tliet mija u tlieta u sebgħin e`wro u dsatax-il ċenteżmu (**€90,373.19**);

(iii) Tordna li l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mis-soċjeta` konvenuta Malta Freeport Terminals Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da